# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Dicembru, 2017**

**Numru 9**

**Rikors Numru 862/17 TA**

**Anthony Debono**

**vs**

**Ronald Agius**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Anthony Debono prezentat fit-22 ta' Settembru, 2017 u minnu mahluf fl-istess data, li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi permezz ta' skrittura privata datata ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), l-attur silef lill-konvenut, accettanti, is-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000), u dan soggett ghall-pattijiet u ghall-kondizzjonijiet stipulati fl-iskrittura privata precitata, fosthom soggett ghad-dekorriment ta' l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mill-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), kif ukoll soggett ghall-obbligazzjoni li s-somma

mislufa tithallas lura bl-imghax dekors fi zmien tlett snin mill-ftehim imsemmi.

2. Illi skond l-istess skrittura privata, l-obbligazzjoni tal-konvenut li jhallas l-imghax fuq is-somma mislufa kellha testingwi ruhha biss jekk l-investiment li l-konvenut ried iwettaq bis-somma mislufa lilu jirrealizza ruhu, liema grajja madanakollu ma sehhitx.

3. Illi minkejja li l-konvenut ghamel xi hlasijiet akkont tad-dejn dovut minnu lill-attur, l-istess konvenut ghadu debitur ta' l-attur fis-somma ta' sebgha u erbghin elf Ewro (€47,000) in kwantu kapital, u kif ukoll ghas-somma ta' l-imghaxijiet dekorsi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u cioe` s-somma ta' dsatax-il elf tlett mija erbgha u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€19,354.67), rapprezentanti l-bilanc ta' l-imghaxijiet dovuti mill-konvenut lill-attur sa l-ghaxra (10) t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) wara li titnaqqas is-somma komplessiva ta' hdax-il elf Ewro (€11,000) imhallsa akkont mill-konvenut.

4. Illi l-konvenut, minkejja li gie ripetutament interpellat sabiex ihallas dak dovut minnu lill-attur, baqa' inadempjenti.

5. Illi stante li l-imghaxijiet dovuti mill-konvenut ilhom dovuti minnu ghal ferm aktar minn sena, l-attur ghandu l-jedd li jitlob li l-imghaxijiet maghluqa jaghtu imghaxijiet ohra, u dan a tenur ta' l-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili.

6. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

7. Illi l-attur jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa dawk id-dikjarazzjonijiet jew provvedimenti li jkunu jidhrulha xierqa u opportuni, joghgobha:-

1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma kumplessiva ta' sitta u sittin elf tlett mija erbgha u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€66,354.67), u dan in kwantu ghas-somma ta' sebgha u erbghin elf (€47,000) rapprezentanti l-bilanc tal-kapital dovut, u in kwantu ghas-somma ta' dsatax-il elf tlett mija erbgha u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€19,354.67) rapprezentanti l-bilanc ta' l-imghax maghluq fuq il-

kapital mill-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) sa l-ghaxra (10) t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017);

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitta u sittin elf tlett mija erbgha u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€66,354.67), u dan bl-imghaxijiet legali b'effett millum sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali bin-numri 503/2014 u 2968/17 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi intavolat kontestwalment, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat li l-konvenut imsejjah tlett darbiet baqa' ma deherx;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Novembru, 2017;

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma kumplessiva ta' sitta u sittin elf tlett mija erbgha u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€66,354.67), u dan in kwantu ghas-somma ta' sebgha u erbghin elf (€47,000) rapprezentanti l-bilanc tal-kapital dovut, u in kwantu ghas-somma ta' dsatax-il elf tlett mija erbgha u hamsin Ewro u

sebgha u sittin centezmu (€19,354.67) rapprezentanti l-bilanc ta' l-imghax maghluq fuq il-kapital mill-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) sa l-ghaxra (10) t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017);

**Tilqa'** t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitta u sittin elf tlett mija erbgha u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€66,354.67), u dan bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

**Spejjez** tal-kawza inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali bin-numri 503/2014 u 2968/2017 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontra l-konvenut kontestwalment mal-kawza, a` karigu tal-konvenut.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**